



Mistoqsijiet u Tweġibiet dwar id-dritt ta' aċċess pubbliku għad-dokumenti

Dokument - 25/11/2022

Din il-gwida għandha l-għan li tipprovdi informazzjoni u gwida dwar id-dritt ta' aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-UE, u kif dan jiġi applikat fl-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE. Il-gwida tistabbilixxi f'dax-il mistoqsija u tweġiba ġenerali, bl-għan li tgħin lil dawk li jkun qad ifittxu dokumenti jew informazzjoni mill-amministrazzjoni tal-UE. Taħt kull mistoqsija u tweġiba, il-gwida tipprovdi wkoll l-għażla ta' aċċess għal informazzjoni aktar dettaljata dwar ir-regoli applikabbli u kif dawn ġew interpretati mill-qrati u mill-Ombudsman Ewropew.

1. X'inhu d-dritt ta' aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-UE?

It-Trattati tal-UE u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jagħtu lill-pubbliku d-dritt li jitlob kopji ta' dokumenti fil-pussess tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE (l-istituzzjonijiet tal-UE). L-istituzzjonijiet tal-UE jridu jagħtu aċċess għad-dokumenti mitluba, flief f'ċerti ċirkostanzi stabbiliti fil-liġi u r-regoli Ewropej (ara l-mistoqsija 8).

Aktar informazzjoni dwar il-bażi ġuridika għad-dritt ta' aċċess pubbliku (l-Ingliż biss):

- Il-liġi tal-UE tipprovdi għal dritt ta' aċċess pubbliku għad-dokumenti?

2. Kif japplika d-dritt ta' aċċess pubbliku għall-amministrazzjoni tal-UE?

Ir-regoli ġenerali li jagħtu effett lil dan id-dritt huma stabbiliti fir-Regolament 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-UE.

Ir-Regolament 1049/2001 japplika direttament għall-Kummissjoni Ewropea, il-Kunsill tal-UE u l-Parlament Ewropew, li adottaw regoli ta' proċedura li jstabbilixxu kif japplikaw ir-Regolament 1049/2001. Il-Kunsill Ewropew japplika wkoll ir-Regolament 1049/2001 u r-regoli ta' proċedura rilevanti tal-Kunsill tal-UE.

It-tliet istituzzjonijiet l-oħra tal-UE — il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri u l-Bank Ċentrali Ewropew — japplikaw regoli separati li jvarjaw fi gradi differenti minn iżda li huma ġeneralment ispirati mir-Regolament 1049/2001.

Informazzjoni aktar dettaljata dwar ir-regoli differenti li japplikaw għall-istituzzjonijiet, il-korpi, l-organizzazzjonijiet u l-aġenziji tal-UE (bl-Ingliż biss):

- X'inhuma r-regoli li japplikaw għall-istituzzjonijiet tal-UE?

- X'inhuma r-regoli li japplikaw għall-korpi tal-UE?

- X'inhuma r-regoli li japplikaw għall-aġenziji tal-UE?

- Ir-regoli li japplikaw għall-uffiċċji tal-UE

- Id-dritt ta' aċċess pubbliku għad-dokumenti japplika għall-Grupp tal-Euro?

- Hemm regoli oħra li jirregolaw id-dritt ta' aċċess pubbliku għad-dokumenti?

3. Min jista' jagħmel talba għal aċċess pubbliku għad-dokumenti?

Kwalunkwe ċittadin tal-UE, kwalunkwe persuna residenti fi Stat Membru tal-UE jew

kwalunkwe "persuna ġuridika" rreġistrata fi Stat Membru tal-UE (bħal kumpanija,

organizzazzjoni jew assoċjazzjoni) għandu d-dritt li jitlob aċċess pubbliku għal dokument



tal-UE.

Istituzzjoni hija intitolata li titlob id-dettalji ta' kuntatt tiegħek għall-fini tal-ipproċessar tat-talba tiegħek għal aċċess, inkluż li tivverifika jekk intix resident jew ċittadin tal-UE. Informazzjoni aktar dettaljata dwar min jista' jagħmel talba għal aċċess pubbliku għad-dokumenti (bl-Ingliż biss).

- Min jista' jitlob aċċess għal dokument lil istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija tal-UE?
 - Persuna għandha tidentifika min tkun meta tagħmel talba għal aċċess għal dokument?
4. Il-pubbliku, għal xiex jista' jitlob aċċess ?

It-terminu "dokument" jimplika kwalunkwe kontenut (kliem, numri, simboli, kodiċi tal-kompjuter, stampi, ħsejjes) fi kwalunkwe format (bħal dokumenti stampati jew elettroniċi, emails, messaġġi testwali jew tal-ħoss, reġistrazzjonijiet viżivi jew awdjoviżivi). Id-dritt ta' aċċess pubbliku għad-dokumenti japplika għad-dokumenti relatati mal-politiki, l-attivitajiet u d-deċiżjonijiet fl-isfera ta' responsabbiltà tal-istituzzjoni. Skont ir-Regolament 1049/2001, l-istituzzjonijiet kollha huma meħtieġa jżommu reġistru tad-dokumenti li jkollhom.

L-individwi jistgħu jitolbu aċċess għal dokumenti li jafu li jeżistu iżda jistgħu jitolbu wkoll aċċess għal kwalunkwe dokument miżmum minn istituzzjoni relatat ma' kwistjoni speċifika u definita, mingħajr ma jkunu jafu d-deskrizzjoni eżatta tad-dokumenti inkwistjoni. Filwaqt li ma hemm l-ebda limitu għall-ammont ta' dokumenti li jistgħu jintalbu, skont ir-Regolament 1049/2001, l-istituzzjonijiet tal-UE jistgħu jirrifjutaw li jitrattaw talba għal dokumenti kbar ħafna jew għal għadd kbir ħafna ta' dokumenti. Madankollu, f'każijiet bħal dawn, l-ewwel għandhom jippruvaw jilhqqu soluzzjoni ġusta mal-persuna li titlob l-aċċess. Informazzjoni aktar dettaljata dwar għal xiex japplika d-dritt tal-pubbliku (l-Ingliż biss).

- X'inhu implikat minn "dokument" fil-kuntest tad-dritt għall-aċċess pubbliku?
- Is-suġġett tad-dokument huwa kwistjoni?
- Id-dritt ta' aċċess pubbliku japplika għal dokumenti fuq il-kont tal-posta elettronika tax-xogħol ta' membru tal-persunal tal-UE?
- Id-dritt ta' aċċess pubbliku japplika għal messaġġi testwali jew istantanji mibgħuta permezz tal-mobile?
- Kif issir taf jekk istituzzjoni għandhiex dokument?
- X'jiġri jekk istituzzjoni tinsisti li dokument mitlub ma jeżistix jew m'għadux fil-pussess tagħha?
- Hemm limitu għan-numru ta' dokumenti li jistgħu jintalbu?
- Liema regoli japplikaw għad-dokumenti klassifikati?
- X'inhu d-differenza bejn id-dritt ta' aċċess pubbliku għad-dokumenti u d-dritt ta' aċċess għall-fajl?

5. B'liema lingwi tista' ssir talba u t-twassil tad-dokumenti?

L-individwi jistgħu jagħmlu talba għal aċċess għad-dokumenti fi kwalunkwe waħda mill-24 lingwa uffiċċjali tal-UE u l-istituzzjoni hija obligata twieġeb b'din il-lingwa. Meta istituzzjoni tagħti aċċess għal dokument, hija tiżvela d-dokument fil-lingwa/i li fiha/fihom jeżisti iżda ma għandha l-ebda obbligu li tittraduċi d-dokument.

Informazzjoni aktar dettaljata dwar il-politika lingwistika li tapplika għat-talbiet ta' aċċess (l-Ingliż biss).

- Jekk istituzzjoni tat aċċess għal dokument f'lingwa waħda, min jagħmel it-talba għandu d-dritt għal traduzzjoni?



- Jekk issir talba f'lingwa uffiċjali waħda tal-UE, l-istituzzjoni, il-korp, l-uffiċċju jew l-aġenzija tal-UE tista' twieġeb b'lingwa oħra?

6. X'inhuma l-proċedura u l-iskeda ta' żmien biex jintalab aċċess għad-dokumenti?

L-individwi jridu jitolbu aċċess għad-dokumenti bil-miktub. Xi istituzzjonijiet għandhom fis-seħħ formoli jew portali online biex jittrattaw it-talbiet, li jistgħu jgħinu biex it-talbiet jiġu pproċessati aktar malajr. Meta jagħmlu t-talba, l-individwi għandhom jipprovdu informazzjoni dwar l-identità tagħhom u jidentifikaw id-dokumenti li jridu.

Meta jirċievu talba, l-istituzzjonijiet għandhom normalment jirrikonoxxu l-irċevuta.

L-istituzzjonijiet huma meħtieġa jwieġbu fi żmien 15-il jum ta' xogħol mir-reġistrazzjoni ta' talba, sakemm ma jkollhomx bżonn jiċċaraw it-talba. Għal talbiet ikkumplikati jew kbar, l-istituzzjonijiet jistgħu jestendu l-iskadenza bi 15-il jum.

Jekk istituzzjoni tirrifjuta l-aċċess għal talba, billi tinvoka waħda mill-eċċezzjonijiet skont ir-Regolament 1049/2001 (ara l-mistoqsija 8), l-individwu jista' jitlob lill-istituzzjoni tirrevedi d-deċiżjoni tagħha (billi tagħmel "applikazzjoni konfermatorja"). L-istess skeda ta' żmien tapplika għat-talba inizjali.

Jekk istituzzjoni iżomm id-deċiżjoni tagħha li tirrifjuta l-aċċess (jew ma twegħibx fiż-żmien applikabbli), l-individwi jistgħu jirrikorru għand l-Ombudsman Ewropew jew il-Qrati tal-UE (ara l-mistoqsija 7).

Informazzjoni aktar dettaljata dwar il-proċedura u l-iskeda ta' żmien għat-talbiet għal aċċess (bl-Ingliż biss).

- Talba tista' ssir bl-email?

- Kemm se tiegħu żmien biex tikseb deċiżjoni?

- X'informazzjoni għandu jipprovdi min jagħmel it-talba f'talba?

7. Taħt liema ċirkostanzi l-aċċess jista' jiġi rrifjutat minn istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija tal-UE?

Ir-Regolament 1049/2001 jistabbilixxi ċerti ċirkostanzi eċċezzjonali li fihom istituzzjoni tal-UE tista' tirrifjuta l-aċċess għal dokumenti (l-Artikolu 4 tar-Regolament). Dawn l-eċċezzjonijiet jinkludu jekk l-istituzzjoni tqis li l-iżvelar idgħajf l-interess pubbliku f'ċerti oqsma sensitivi jew idgħajf il-privatezza tal-individwi (konsistenti mal-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad- *data*). L-eċċezzjonijiet ikopru wkoll il-protezzjoni ta' proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet, proċeduri legali jew interessi kummerċjali li jkunu għaddejjin.

Meta tinvoka dawn l-eċċezzjonijiet biex iżżomm l-aċċess, l-istituzzjoni trid turi li ma hemm l-ebda interess pubbliku prevalenti li jiġġustifika l-iżvelar tad-dokumenti.

Informazzjoni aktar dettaljata dwar kif u meta jista' jiġi rrifjutat l-aċċess (l-Ingliż biss).

- X'raġunijiet jistgħu jressqu għar-rifjut tal-aċċess?

- Kemm għandhom ikunu ddettaljati l-argumenti ta' istituzzjoni meta tiġġustifika rifjut li jingħata aċċess għal dokument?

- Kif jistgħu l-persuni li jitolbu dokumenti jivverifikaw li r-raġunijiet mogħtija għar-rifjut tal-aċċess huma ġġustifikati jekk ma jkunx possibbli li jaraw id-dokumenti?

- X'inhu "interess pubbliku" fl-iżvelar, meta jista' jiġi invokat u meta jista' jwassal biex jingħata aċċess?

- Il-mogħdija taż-żmien għandha rwol fit-trattament ta' talbiet għal aċċess għal dokumenti?



- Istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija tal-UE tista' tirrifjuta l-aċċess għal dokument li jkun fiha informazzjoni li diġà tinsab fid-dominju pubbliku?
- Xi tfisser l-eċċezzjoni għall-protezzjoni ta' kwistjonijiet ta' "sigurtà pubblika" u ta' "difiża u militari"?
- Xi tfisser l-eċċezzjoni għall-protezzjoni tar-relazzjonijiet internazzjonali?
- Xi tfisser l-eċċezzjoni għall-protezzjoni tal-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika tal-UE jew ta' Stat Membru?
- Xi tfisser l-eċċezzjoni għall-protezzjoni tad- *data* personali? Id- *data* personali li tinsab f'dokument tista' tiġi aċċessata?
- Xi tfisser l-eċċezzjoni għall-protezzjoni tal-interessi kummerċjali?
- Xi tfisser l-eċċezzjoni għall-protezzjoni tal-pariri legali u l-proċedimenti tal-qorti?
- Xi tfisser l-eċċezzjoni għall-protezzjoni tal-iskop tal-awditi, l-ispezzjonijiet u l-investigazzjonijiet?
- Xi tfisser l-eċċezzjoni għall-protezzjoni tat-teħid ta' deċiżjonijiet interni? Kif jista' dan l-interess jiddgħajjef billi jiġu żvelati d-dokumenti?
- X'inhuma "dokumenti leġiżlattivi" u liema regoli japplikaw għal tali dokumenti?
- Tista' parti terza li pprovdiet dokument lill-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija tal-UE tagħmel veto għall-iżvelar tad-dokumenti?
- Jista' Stat Membru li pprova dokument lill-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija tal-UE jiżvela d-dokument?

8. X'għandek tagħmel meta talba għal aċċess tiġi rrifjutata. X'inhu l-proċess tal-appelli għal deċiżjonijiet li jirrifjutaw l-aċċess għad-dokumenti?

L-individwi jistgħu jressqu lment lill-Ombudsman Ewropew jekk l-istituzzjoni tkun irrifjutat, kompletament jew parzjalment, it-talba tagħhom wara rieżami (deċiżjoni konfermatorja) jew tonqos milli twieġeb fil-perjodu ta' żmien applikabbli. L-Ombudsman tftitex li tittratta tali lmenti malajr kemm jista' jkun u, għal dan il-għan, stabbiliet Proċedura rapida . L-Ombudsman għandha s-setgħa li tispezzjona d-dokumenti inkwistjoni u jista' jagħmel rakkomandazzjoni li d-dokumenti jiġu żvelati.

L-individwi jistgħu wkoll iressqu kawża quddiem il-Qrati tal-UE jekk l-istituzzjoni tkun ċaħdet, kompletament jew parzjalment, it-talba tagħhom wara rieżami.

Informazzjoni aktar dettaljata dwar il-proċess tal-appell (bl-Ingliż biss).

- X'jiġri jekk l-istituzzjoni, il-korp, l-uffiċċju jew l-aġenzija tal-UE tirrifjuta li tagħti aċċess?
- X'jiġri jekk id-deċiżjoni inizjali tiġi kkonfermata wara talba għal rieżami ("applikazzjoni konfermatorja")?
- X'jiġri jekk istituzzjoni ma twieġeb xejn għal talba?

9. Liema regoli japplikaw għall-informazzjoni ambjentali?

L-aċċess għall-informazzjoni u d-dokumenti, il-parteciċipazzjoni pubblika fit-teħid tad-deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali huma rregolati fil-livell internazzjonali mill-hekk imsejja Konvenzjoni ta' Aarhus (1998), li torbot lill-istituzzjonijiet tal-UE u ġiet inkorporata fid-dritt tal-UE. Huwa meqjus li hemm interess pubbliku partikolari fit-trasparenza rigward l-informazzjoni ambjentali u t-teħid ta' deċiżjonijiet, u tali informazzjoni għandha tkun faċilment aċċessibbli. L-istituzzjonijiet tal-UE xorta jistgħu jinvolkaw l-eċċezzjonijiet previsti skont ir-Regolament 1049/2001 biex jirrifjutaw l-aċċess, iżda dawn l-eċċezzjonijiet iridu jiġu interpretati b'mod restrittiv, filwaqt li jitqies l-interess pubbliku moqdi bl-iżvelar.



Informazzjoni aktar dettaljata dwar l-aċċess għall-informazzjoni ambjentali (bl-Ingliż biss).

- X'inhuma r-regoli li japplikaw għall-aċċess għall-informazzjoni ambjentali?

10. Id-dokumenti li ġew żvelati wara talba għal aċċess għad-dokumenti huma ppubblikati?

Il-fatt li istituzzjoni għandha tiżvela dokument lil applikant ma jfissirx li l-istituzzjoni għandha l-obbligu li tippubblika d-dokument b'mod proattiv. Madankollu, l-istituzzjonijiet għandhom id-dmir li jagħmlu d-dokumenti disponibbli direttament kemm jista' jkun, pereżempju billi jagħmluhom disponibbli fuq is-siti web tagħhom u/jew permezz tar-reġistri pubbliċi tad-dokumenti tagħhom.

Individwi li jingħataw aċċess għad-dokumenti jistgħu jippubblikaw id-dokumenti, ħliet meta l-istituzzjoni tindika li huma meħtieġa restrizzjonijiet, pereżempju jekk id-dokument ikun kopert mid-drittijiet tal-awtur jew drittijiet oħra ta' proprjetà intellettuali.

Informazzjoni aktar dettaljata dwar il-pubblikazzjoni ta' dokumenti li għalihom jingħata aċċess pubbliku (bl-Ingliż biss).

- Ir-regoli dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti kif jinteraġixxu mar-regoli dwar il-pubblikazzjoni tad-dokumenti?

- Jista' min jagħmel it-talba li jkun irċieva dokument wara talba għal aċċess jippubblika dak id-dokument?

11. Liema regoli japplikaw għad-dokumenti "klassifikati"?

Dokumenti sensitivi jistgħu jiġu ddeżinjati kklassifikati sabiex jiġu protetti l-interessi essenzjali tal-UE, b'mod partikolari fis-sigurtà pubblika, id-difiża u kwistjonijiet militari. Skont ir-Regolament 1049/2001, l-individwi jistgħu jitolbu aċċess għal dokumenti klassifikati. Tali talbiet jistgħu jiġu pproċessati biss minn individwi b'awtorizzazzjoni biex jikkonsultaw tali dokumenti, u istituzzjoni mhijiex meħtieġa tikkonferma li jeżisti dokument sensitiv.

Informazzjoni aktar dettaljata dwar dokumenti klassifikati (bl-Ingliż biss).

- Liema regoli japplikaw għad-dokumenti klassifikati?